**300. Is-Segretarju Parlamentari għall-Ippjanar u s-Simplifikazzjoni Amminstrattiva, l-Onor. Michael Falzon, f'isem il-Prim Ministru jipproponi:**

**RIŻOLUZZJONI DWAR TRASFERIMENT TAS-SUQ TAL-BELT L-ANTIK LIL ARKADIA MARKETING LTD**

Billi hija l-politika tal-Gvern li jippromwovi proġetti li joħolqu impjiegi sostenibbli filwaqt li jagħtu spinta ekonomika u infrastrutturali lill-pajjiż u partikolarment proġetti li jesiġu r-riabilitazzjoni u restaw ta' binjiet storiċi, huwa qiegħed jiddisponi b'titolu ta' enfitewsi temporanja għal żmien ħamsa u sittin (65) sena, favur il-Kumpanija Arkadia Marketing Limited, is-Sit konsistenti f'binja ta' żewġ sulari mingħajr numru u li ġġib l-isem "Is-Suq tal-Belt" ossia "The Valletta Market" sitwat fi Triq il-Merkanti, il-Belt Valletta, għaż-żmien, biċ-ċens u hekk kif deskritta aħjar fl-abbozz ta' ftehim imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tad-Deputati u taħt il-kundizzjonijiet li jinsabu fl-istess abbozz;

Illi l-Gvern iqis ir-riabilitazzjoni u r-restawr tas-Suq tal-Belt bħala parti integrali mill-Masterplan għar-Riġenerazzjoni tal-Belt Valletta;

Illi dan is-Sit se jintuża unikament u esklussivament sabiex jiġi restawrat u msebbaħ għal użu bħala suq gastronomiku u faċilitajiet u servizzi oħra anċillari;

U billi huwa maħsub fil-paragrafu (d) tas-sub-artikolu (1) tal-artikolu 3 tal-Att dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern (Kapitolu 268), li art li tkun proprjetà tal-Gvern jew amministrata minnu tista' tiġi trasferita skont riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-waqt tat-trasferiment;

U billi huwa xieraq li t-trasferiment fuq imsemmi jsir skont riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati;

Għalhekk huwa b'dan riżolut li s-Sit konsistenti f'binja ta' żewġ sulari mingħajr numru u li ġġib l-isem "Is-Suq tal-Belt" ossia "The Valletta Market" sitwat fi Triq il-Merkanti, il-Belt Valletta, kif deskritta aħajr fl-abbozz tal-kuntratt li jinsab imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra, tiġi konċessa b'titolu ta' enfitwesi temporanja għal żmien ħamsa u sittin (65) sena, għall-iskop u skont il-pattijiet u l-kundizzjonijiet imsemmija fl-istess abbozz.

13.01.16